

31973R1544

11.6.1973

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 155/6

**IR-REGOLAMENT (KEFA, KEE, Euratom) Nru 1544/73 TAL-KUNSILL
ta' l-4 ta' Ġunju 1973**

**li jemenda Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68 li jistabbilixxi l-kondizzjonijiet u l-proċedura
għall-applikazzjoni tat-taxxa għall-benefiċċju tal-Komunitajiet Ewropej**

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi Kunsill Wieħed u Kummissjoni Waħda tal-Komunitajiet Ewropej;

Wara li kkunsidra l-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej, u partikolarment l-Artikolu 13 tiegħu;

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni;

Billi huwa neċessarju li jkun emendat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68 ⁽¹⁾ tad-29 ta' Frar 1968 li jstabbilixxi l-kondizzjonijiet u l-proċedura għall-applikazzjoni tat-taxxa għall-benefiċċju tal-Komunitajiet Ewropej, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 559/73 ⁽²⁾, sabiex jittieħed kont tar-Regolament tal-Kunsill (KEFA, KEE, Euratom) Nru 1543/3 ⁽³⁾ ta' l-4 ta' Ġunju 1973, li jintroduċi miżuri speċjali temporanji applikabbli għal uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej imħallsa mill-fondi ta' riċerka u investiment;

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 260/68 għandu jkun emendat kif ġej:

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, fl-4 ta' Ġunju 1973.

Artikolu 2

(a) l-Artikolu 2 għandu jkun issupplimentat bis-sitta u s-seba' inċiżi kif ġej:

— dawk intitolati għall-*allowance* tat-terminazzjoni tas-servizz taħt l-Artikolu 3 u 4 tar-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 1543;

— dawk intitolati għall-*allowance* tat-terminazzjoni tas-servizz taħt l-Artikolu 5 tar-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 1543."

(b) l-Artikolu 6(1)(b) għandu jkun issupplimentat b'dan li ġej:

"Dawn id-dispożizzjonijiet għandhom ukoll japplikaw għal pagamenti magħmula skond l-Artikolu 5 tar-Regolament (KEFA, KEE, Euratom) Nru 1543."

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għall-Kunsill

Il-President

R. VAN ELSLANDE

⁽¹⁾ ĠU L 56, ta' l-4.3.1968, p. 8.

⁽²⁾ ĠU L 55, tat-28.2.1973, p. 4.

⁽³⁾ Ara paġna 1 ta' dan il-*Ġurnal Uffiċjali*.